MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2013

Numru. 27/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Spiridione Zammit**

**vs**

**Daniel Lanzon**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Daniel Lanzon ta' 24 years bin Alexander u Carmen nee' Cefai imwieled Pieta' fi 30 ta' Settembru 1985 u residenti 61 Triq Gorg Borg Olivier San Giljan u detentur tal-karta tal-identita' numru 567485(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fit-3 ta' Mejju 2009 bejn is-1.30pm u 7.30pm gewwa l-fond [Sports Pavillion] sitwat fil-Qasam Industrijali Kordin Rahal Gdid ikkommetta serq ta' madwar 430 Euros, liema

serq hu kkwalifikat bil-valur, lok u mezz u li sar ghad-detriment ta' Aaronne Calleja minn Rahal Gdid.

Fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamel hsara fuq bibien tal-fond bl-isem '[Sports Pavillion] sitwat fil-Qasam Industrijali Kordin Rahal Gdid liema hasara ma tiskorrix 116.47 Euros imma hi izjed minn 23.29 Euros.

Kkommetta reat li ghalih hemm kontemplat piena ta' prigunerija fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza, ai termini ta' l-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta datata 20 ta' Dicembru 2007.

B'hekk rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 11 ta' Jannar 2010 (esebit a fol.13 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tad-9 ta' Gunju 2010 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni.

Rat li d-Difiza ma prezentatx in-Nota ta' Sottomissjonijiet finali taghha entro t-terminu lilha prefiss.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta’ dan il-kaz jirrigwardaw serqa li sehhet fit-3 ta’ Mejju 2009 bejn is-1.30 u s-7.30pm minn gewwa l-fond Sports Pavillion fil-Qasam Industrijali ta’ Kordin, Rahal il-Gdid fejn insterqet is-somma ta’ madwar €430 minn fuq l-iskrivanija ta’ Aronne sive Ronnie Calleja fl-imsemmi fond. Calleja rraporta[1] lil Pulizija li huwa kien sab bieb tal-gemb tal-istabbiliment sgassat u huwa provda lil Pulizija b’CCTV footage ta’ dakinhar[2] u mill-istills[3] relattivi l-Pulizija setghat tara persuna li wasal fil-fond billi uza vettura Piccanto Kia hadra u deher diehel fil-fond mill-bieb tal-genb u din il-persuna intaghraf bhala l-imputat odjern Daniel Lanzon. Meta l-Pulizija baghtet ghall-imputat huwa rrilaxxja stqarrija[4] fejn ammetta li kien mar fl-imsemmi fond bil-vettura Piccanto Kai hadra u li kien ha s-somma ta’ €300 minn kexxun ta’ skrivanija u li kien dahal fil-fond ghaliex sab il-bieb imbexxaq.

Aronne sive Ronnie Calleja xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-17 ta’ Gunju 2011 fejn spjega li huwa l-Manager tal-kumpless sportiv ta’ Kordin u qal li fit-3 ta’ Mejju 2009 ghall-habta tal-5.00pm kien mar fl-imsemmi kumpless sabiex jiehu xi dokumenti li kienu fl-iskrivanija tieghu u meta wasal sab il-kancell sekondarju tal-kumpless miftuh u l-bieb tal-ufficcju sgassat. Huwa qal li sab bejn €300 u €400 neqsin mill-kexxun tal-iskrivanija. Huwa qal li mar jara ic-CCTV footage ta’ dakinhar tat-tennis courts biswit il-kumpless u minn dan il-footage fit-3.00pm deher ragel diehel fil-kumpless u jerga’ johrog fit-3.30pm. Huwa kkonferma li ghadda l-footage relattiv lil Pulizija u meta gie muri l-istills inseriti a fol. 28 u 29 tal-atti processwali huwa kkonferma li dawn huma l-istills tal-footage li ra dakinhar u li ghadda lil Pulizija.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ghazel li jixhed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-18 ta’ Ottubru 2012 fejn qal li dakinar li

[1] Okkorrenza relattiva nserita a fol. 26 u 27 tal-atti processwali.
[2] CD relattiv inserit a fol. 73 tal-atti processwali
[3] Inseriti a fol. 28 u 29 tal-atti processwali.
[4] Stqarrija relattiva nserita a fol. 24 u 25 tal-atti processwali.

rrilaxxja l-istqarrijia kien imhawwad u li kien l-Ispettur li beda jpoggielu l-kliem f'halqu.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz jirrizulta minghajr ebda dubju li kien l-imputat li fil-gurnata tat-3 ta' Mejju 2009 dahal fil-kumpless Sports Pavillion, f'Rahal il-Gdid u seraq is-somma ta' €300. Dan jirrizulta mic-CCTV footage u mill-istills relattivi fejn l-imputat jidher bic-car diehel fil-kumpless sportiv. Mix-xhieda ta' Aronne Calleja jirrizulta li nsterqu bejn €300 u €400 mill-iskrivanija tieghu. Ghalkemm dan ix-xhud jghid li kien hemm sgass fil-bieb tal-ufficcju ma giex indikat x'kienet il-hsara kagunata u kemm kienet tammonta u l-imputat sejjer ghalhekk jigi dikjarat mhux hati tat-tieni(2) imputazzjoni stante li din ma gietx pruvata sal-grad rikjest mill-Ligi.

Il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet(3) imputazzjoni stante li mill-provi rrizulta li s-sentenza sospiza hemm indikata diga' giet reza operattiva permezz ta' sentenza ohra ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta tas-26 ta' Gunju 2012. L-addebitu tar-recidiva jirrizulta pruvat permezz tas-sentenzi esebiti a fol. 55 et sequitur tal-atti processwali.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat li l-imputat huwa recidiv u li prezentement qed jiskonta piena karcerarja fit-tul u wara li ezaminat bir-reqqa dak li qalet il-Probation Officer Marietta Lanzon jidrilha li l-imputat ghalkemm tul is-snin inghata l-opportunita' li jirriforma ruhu huwa m'gharafx juzufruwixxi minn din l-ghajnuna lilu moghtija u fic-cirkostanzi jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 49, 50, 17, 261, 263, 267, 269, 278(3), 31 u 20 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel(1) u tar-raba'(4) mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tmintax(18)-il xahar prigunerija. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tat-tieni(2) mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u stante li s-sentenza tal-20 ta' Dicembru 2007 diga giet

reza operattiva tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------